**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 18 ta' Ottubru 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 269/2021 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**JI f'isimha proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' wliedha YI li twieled f'X u AF li twieled f'Y.**

**Vs**

**U b'digriet tat-28 ta' Jannar 2022, gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Daniel Aquilina bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti YII.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JI datat 15 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti iżżewġu fil-15 ta' Dicembru tas-sena 2010, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat* ***Dok A.***

2. *Illi qabel l-istess zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu zewg ulied, u cioe' YI li twieled f'X, u AF li twieled f'Y, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikati tat-twelid taghhom hawn annessi u mmarkati* ***Dok B*** *u* ***Dok C*** *rispettivament.*

3. *Illi l-minuri AF twieled ftit inqas minn xahrejn qabel izzewgu l-partijiet, u sfortunatament, stante illi l-intimat kien jinsab imsiefer sabiex jottjeni xi dokumentazzjoni ghaz-zwieg ta' bejn il-partijiet, ma kienx prezenti sabiex jigi registrat bhala missier l-istess minuri.*

4. *Illi qabel l-esponenti inizjat il-procedura tal-medjazzjoni, l-intimat qatt ma kien jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-familja, tant illi ta' spiss kien jorqod barra mid-dar matrimonjali.*

5. *Illi pendenti l-proceduri tal-medjazzjoni, l-esponenti ntavolat rikors sabiex l-istess intimat jigi ordnat ihallas ghall-mateniment taz-zewg uliedu, minkejja li debitament notifikat huwa ma pprezentax risposta, u gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €500 fix-xahar, li jinkludi l-ispejjez kollha medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Vide digriet datat 11 ta' Gunju 2021, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u markata* ***Dok D****.*

6. *Illi l-intimat ipprezenta rikors revoka ghad-digriet sucitat ghaliex skontu huwa ma kienx gie notifikat u oltre dan ma fehemx ir-rikors ghaliex kien bil-lingwa Malta, u ghalhekk ma setax jipprezenta rispsota. Rikors kontradittorju peress li jew ircieva r-rikors tal-manteniment u ma fehemx x'ircieva jew inkella ma giex notifikat u ghalhekk ma setax iwiegeb. Tali rikors gie michud permezz ta' digriet tas-26 ta' Awissu tas-sena 2021, vide* ***Dok E****.*

7. *Illi l-intimat qatt ma aderixxa ruhu mad-digriet tal-manteniment u ghalhekk qatt ma hallas.*

8. *Illi kif jirrizulta minn Dokument ittra E, l-intimat qatt ma cahad illi YI u AF huma t-tnejn uliedu, minkejja illi skont ic-certifikat tat-twelid ta' AF, l-intimat mhux indikat bhala missieru.*

9. *Illi pendenti l-proceduri tal-medjazzjoni, l-intimat allontana ruhu mid-dar matrimonjali u ftit tal-granet wara huwa telaq minn Malta minghajr lanqas biss sellem liz-zewg ulied.*

10. *Illi l-esponenti saret taf illi l-intimat telaq minn Malta peress li f'nofs Settembru tas-sena 2021, baghtilha messagg sabiex tghaddih lil missierha, fejn irringrazzjah ta' kemm ghamel mieghu. Fl-istess messagg huwa indika li meta jibda jahdem kien sejjer jibda jibghat il-manteniment lil uliedu.*

11. *Illi xi hbieb tal-intimat infurmaw lill-esponenti illi l-intimat bhalissa jinsab il-Germanja, izda iktar minn hekk hija ma ghandha l-ebda informazzjoni.*

12. *Illi stante illi l-intimat ottjena c-cittadinanza Maltija, huwa jgawdi mid-dritt tal-freedom of movement u ghalhekk sal-prezentata tar-rikors guramentat odjern jista' jaghti l-kaz li l-istess intimat jinsab f'pajjiz iehor fl-Ewropa.*

13. *Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba abbandun, sevizzi, eccessi u adulterju kommessi mill-konvenut fil-konfron tal-attrici u minhabba f'hekk, iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*

14. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma wasslitx għal ftehim bonarju kif jirriżulta mid-digriet anness u mmarkat* **Dok F** *u dan minħabba intransiġenza da parti tal-intimat u li pendenti l-procedura huwa telaq minn Malta.*

15. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti jeħtieġ illi tiġi xolta u likwidata.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi I minħabba abbandun, sevizzi, eċċessi u adulterju da parti tal-konvenut kontra martu l-attrici u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża.*

2. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg*

*ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.*

3. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.*

4. *Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.*

5. *Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri YI u AF tiġi afdata esklussivament f'idejn l-attrici.*

6. *Tordna illi kull beneficcju socjali u / jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti lill-minuri jkunu pagabbli esklussivament lill-esponenti.*

7. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tkun tista' tapplika u ggedded il-passaport tal-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat.*

8. *Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici manteniment adegwat ghaz-zewg uliedhom YI u AF li ghadhom minuri, liema manteniment ikun jinkludi sehemu mill-ispejjez medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.*

9. *Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) fuq is-sena precedenti mid-data tas-sentenza.*

10. *Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat jew mill-beneficcji socjali illi l-intimat jista' jkun talvolta qieghed jippercepixxi, b'dan illi l-employer tal-intimat jew id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghandhom jigu ordnati jesegwixxu din l-ordni u jhallsu lill-attrici direttament f'kont bankarju intestat f'isimha.*

11. *Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe' F.*

12. *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni 472/21CB3.*

Rat illi r-rikors promotur, id-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smigh gie debitament notifikat skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat datata 28 ta' April 2022, a fol 52 et seq li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti inħatru bħala kuraturi deputati permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2022 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti YII.*

2. *Illi l-esponenti Dr Bugeja tat ruħha b'notifikata għar-rikors ġuramentat waqt is-smiegħ tal-kawża nhar is-27 ta' April 2022.*

3. *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qiegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri kif ukoll kontro-talba jekk kemm-il darba ikun hemm il-ħtieġa li jsir dan.*

4. *Illi kif tiddikjara l-attriċi stess, u kif jirriżulta mill-istess ċertifikat tat-twelid tal-minuri Ali, il-konvenut mhux iddikjarat li huwa missier il-minuri imsemmi. L-attriċi tiddikjara li dan huwa l-każ minħabba li l-konvenut ma kienx Malta u ma kienx preżenti sabiex ikun irreġistrat bħala missier it-tarbija. Kienet x'kienet ir-raġuni, l-attriċi ma tistax tagħmel talbiet fil-konfront tal-minuri AF sakemm ma tirregolax l-pożizzjoni tagħha skond il-liġi. Jidher ċar li wara xahejn li twieled il-minuri, l-esponent kien jinsab Malta għaliex il-partijiet iżżewġu u għalhekk, setgħet kienet irregolata din il-kwistjoni. Il-konvenut jidher li kien hawn Malta żgur f'Awwissu 2021 peress li ppreżenta r-rikors li huwa mmarkat bħala Dok E mar-rikors ġuramentat.*

5. *Illi ma kienet ippreżentata ebda ittra uffiċjali minfejn jirriżulta li r-rikorrenti ippruvat tirregola din il-kwistjoni rigwardanti missier il-minuri u għalhekk, l-ebda talba fil-konfront ta' l-istess minuri m'għandha tkun ikkunsidrata.*

*Bl-ispejjeż.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attrici datata 6 ta' Lulju 2023 li nfurmat lill-Qorti, li minkejja li l-minuri AF, kien wild naturali tal-intimat, c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri jindika missier 'mhux maghruf' u ghaldaqstant stiednet lill-Qorti tghaddi ghall-ghoti tas-sentenza u filwaqt li f'dan l-istadju ma tiehu ebda provvediment rigward il-manteniment tal-minuri AF, tirriserva d-dritt taghha ghall-kull azzjoni futura kontra l-intimat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar il-16 ta' Gunju 2022 (vide fol 61 et seq)*** u spjegat illi hi iltaqghet mal-intimat fis-sena 2007 u minn hemmhekk huma bdew relazzjoni. Illi wara hames xhur ta' relazzjoni, hija harget tqila bil-wild il-kbir, YI li twieled nhar il-5 ta' Jannar 2009 – vide Dok B a fol 7. Illi dan il-wild gie registrat bhala iben l-attrici u l-intimat. Gara pero' illi meta l-attrici weldet it-tieni wild tal-partijiet, l-intimat kien qieghed Spanja sabiex ihejji d-dokumentazzjoni necessarja u rikjesta sabiex il-partijiet ikunu jistghu jizzewgu u ghalhekk it-tieni wild tal-partijiet, AF li twieled nhar il-25 ta' Ottubru 2010 gie registrat bhala iben missier mhux maghruf.

Illi huma kienu jghixu flimkien mal-genituri tal-attrici, fir-residenza tal-genituri tal-attrici u eventwalment kienu zzewggu fi Spanja f'Dicembru tal-istess sena. Illi pero' ma ttiehdu l-ebda proceduri sabiex it-tieni wild jigi registrat fuq isem l-intimat. Tispjega illi wara li zzewgu hi nizlet lura Malta u l-intimat kien nizel Malta f'April tas-sena 2011. Rigward il-minuri AF, tishaq illi l-intimat qatt ma kellu xoghol stabbli f'Malta u ghalhekk kellhom problemi finanzjarji b'dana illi ma setghux jibdew l-proceduri necessarji.

Fir-rigward tal-intimat, l-attrici tirrileva illi l-intimat kellu karattru li ma stajtx tkelmu, u dejjem jippretendi li tghaddi tieghu u dejjem irrid ir-ragun. Tishaq illi kienu qiesu dittattur. Ghalkemm huwa kien jaghmel xoghol ta' kisi, izda qatt ma saddad fuq xoghol. Kien hemm perjodu fejn kien ukoll jahdem bhala *security* izda qatt ma dam fit-tul, tant li kienu dejjem jispiccaw jistriehu fuq il-beneficcji socjali.

Tixhed illi meta binhom iz-zghir kien qieghed l-ewwel sena tal-primarja, kienu gibdulha l-attenzjoni illi ghandu xi kundizzjoni u kien gie ssuggerit li tiehdu CDAU. Tishaq illi meta spjegat dan kollu lill-intimat, hu ma kienx accetta u kien hadha kontriha. Illi filfatt spiccat kienet tiehdu hi wahedha fejn irrizulta li t-tifel ghandu l-ADHD. Tixhed illi t-tifel ghandu ukoll in-nuccali, u l-intimat qatt ma accetta dan tant li ma kienx ihallih jilbsu u spiccat taghmel kollox bil-mohbi ta' zewgha.

Tispjega illi qabel ma kellha lill-minuri YI, hija kienet tahdem il-Baxter izda wara li kellha t-tfal qatt ma halliha tahdem iktar u kien jghidilha illi hi ghandha tibqa' d-dar biex trabbi lit-tfal, izda imbaghad il-flus dejjem kienu problema. Illi filfatt kien ikollha ddur fuq il-genituri taghha ghaliex huma qatt ma kienu ser ihalluha batuta. Illi f is-sena 2017, l-intimat iddecieda li jmur –Ingilterra fuq xoghol. Hu ried li jiftah hanut- grocer, izda hi qatt ma riedet ghaliex kienet konxja li dan kien jirrikjedi hafna xoghol u kien jehtieg finazjarjament. Izzid illi sakemm dam l-Ingilterra huwa qatt ma baghtilha flus anzi kien jippretendi li tibghatlu hi. Meta gie lura pretenda li zzommlu x-xoghol li kien gab mieghu fil-garage ta' missierha.

Sakemm kien l-Ingilterra, l-attrici tixhed illi hija kienet harget tahdem u issa ilha madwar erba' snin tahdem bhala cleaner fi skola. Ix-xhud tishaq illi l-intimat qatt m'ghaddilha flus u wara xahar li gie lura mill-Ingilterra, huwa telaq mid-dar u mar joqghod il-hanut u darba kull xahar kien igib xi affarijiet ghat-tfal. Tishaq illi manteniment qatt ma ta, hlief Eur 120 xi xahar u nofs qabel it-testimonjanza tal-attrici. Eventwalment tispjega illi wara tlett snin u nofs li kien nieqes mid-dar, huwa ried li jmur lura, u dana kien meta l-hanut tieghu falla. Il-hanut kellu jaghlqu u ma kellux fejn joqghod. Wara li hija rrifjutat, l-intimat kien baghtilha messagg fejn qalilha li huwa kien telaq minn Malta izda fejn kien ma qalilix u ovvjament ma kienx qed jara lit-tfal.

L-attrici tikkonferma illi l-intimat qatt ma ghaddilha manteniment ghajr l-EUR 120 li kien ghaddilha darba. Tikkonferma illi r-residenza li fih qieghdin jghixu hi u l-minuri huwa appartament parafernali taghha, mixtri qabel iz-zwieg u li kullma kellhom kienet karozza, li

tghajjat lit-tnejn li huma, u li bhalissa qieghda fil-pussess tal-attrici. Rigward il-vettura tispjega illi l-intimat kien lahaq hallas hames jew sitt pagamenti, u sakemm kien qieghed l-Ingilterra, kienet l-attrici li kienet qieghda taghmel tajjeb ghall-kumplament tal-pagamenti. Illi l-vettura kienet registrata fuq isem l-attrici biex ir-rata tal-*insurance* tkun irhas. Illi wara hafna skaricc, il-vettura reghhet giet ghand l-attrici u fadalha l-ahhar ftit pagamenti xi thallas.

In ***kontro-ezami*** l-attrici tikkonferma illi dwar il-paternita tal-wild iz-zghir huma kienu marru ghand avukat u kien qalilhom illi trid tinfetah kawza l-Qorti. Illi kienu qalulhom li din il-kawza tigi tiswa' mal-elf ewro u fuqhom. Mistoqija jekk hi qattx semghat li tista tigi prezentata ittra ufficjali biex il-minuri jigi rikonoxxut, l-attrici tishaq illi hi ma kienitx taf b'din il-procedura. Tinsisti illi fir-rigward il-kundizzjoni tal-minuri, l-intimat qatt ma ha interess u lilha qatt ma halliha tiehdu c-CDAU u filfatt kienet tiehdu wahedha. Tikkonferma illi l-ahhar kuntatt li kellha mal-intimat kien permezz ta' messagg mibghut minnu xi xahar u nofs ilu, meta baghtilha dawk il-EUR 120 u tikkonferma illi qatt ma qalilha fejn jinsab.

***RPC 3141 Janette Cicila xehdet nhar it-28 ta' Settembru 2022 (vide fol 111)*** u ezebiet tmien rapporti u kif ukoll il-fedina penali tal-intimat.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali xhed nhar it-28 ta' Settembru 2022 (vide fol 109)*** u pprezenta dokumentazzjoni relattiva ghall-beneficcji socjali percepiti mill-partijiet.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal- Job Plus Malta (vide fol 112A) xehed nhar it-28 ta' Settembru 2022*** u prezenta l-JobsPlus *employment history* tal-attrici u tal-intimat.

***Stefen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta (vide fol 107) xehed nhar it-28 ta' Settembru 2022*** u spjega li mir-ricerka li saret jirrizulta illi ma hemm l-ebda vettura registrata fuq isem l-intimat fil-prezent. Illi jirrizulta ukoll illi lanqas fil-passat ma kien hemm l-ebda vettura registrata fuq ismu.

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit a fol 117 et seq*** u filwaqt li regat spjegat dak li xehdet *viva voce* quddiem din il-Qorti, l-attrici ziedet illi wara t-twelied ta' binhom il-kbir, hi flimkien mat-tarbija kienu marru jghixu ghand il-genituri taghha, filwaqt li l-intimat kien ghamel xi zmien jghix fil-garage li kien jappartjeni lil missier l-attrici f' Wied il-Ghajn illi

sussegwentement pero’ mar jghix maghha ghand il-genituri taghha. Dak iz-zmien l-appartament li kienet akkwistat hi qabel iz-zwieg ma kienx ghadu lest sabiex jghixu fih. Illi dak iz-zmien l-intimat ma kienx jahdem u kienu jippercepixxu l-beneficcji socjali, b’dana illi dawn il-flus ma kienux iservuhom u kien ikollha ddur fuq il-genituri taghha. Illi waqt t-tieni tqala, l-intimat kien qieghed Spanja, u l-attrici kienet telghet hdejh xi tlett darbiet u kienet ta’ spiss tibghatlu l-flus minn Malta. Illi meta twieled it-tieni wild, l-intimat kien ghadu Spanja u peress li ma kienux ghadhom mizzewgin, kellha tirregistrah bhala iben missier mhux maghruf. Peress li l-intimat kellu residenza Spanjola, kienu ddeciedu li jizzewgu Spanja kif filfatt ghamlu nhar il-15 ta’ Dicembru 2010. L-attrici niezelet lura Malta waheda sakemm irrangat id-dokumentazzjoni mehtiega ghall-intimat biex ikun jista’ jinzel Malta. Illi l-intimat niezel lura Malta fi Frar tas-sena 2011. Illi huma baqghu jghixu bhala familja ghand ommha sal-ahhar tas-sena 2012, meta marru jghixu fil-propjeta li l-attrici kienet akkwistat qabel iz-zwieg.

Izzid illi l-intimat qatt ma attenda ghall-laqghat tat-tfal u lanqas ghall-*parents day*. Illi fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tat-tifel iz-zghir, l-attrici *interalia* tispjega illi peress illi l-intimat qabad u telaq minn Malta, hija baqghet ma fethitx il-proceduri rigward il-paternita u pprocediet bis-separazzjoni.

Tirrileva illi matul iz-zwieg, l-intimat kien dejjem igieghlha temmen li ma kienet tajba ghalxejn u li ma kienitx utli ghall-familja taghhom. Peress li bejniethom ma kienx hemm komunikazzjoni, ir-relazzjoni taghhom bdiet dejjem sejra lura tant li hi qatghet qalbha minnu, u ma baqghetx tinteressa ruhha fih. Illi l-intimat lanqas relazzjoni ma uliedu ma kellu, tant li t-tfal kienu jibzghu jkelmuh u kienu jitwerwru bl-ghajjat tieghu.

Tishaq illi meta l-intimat telaq mid-dar u mar jghix il-hanut, uliedha kienu ddispjacuti li missierhom qabad u telaq mid-dar u l-minuri kienu jhossuhom li huma ma kellhomx familja bhal shabhom. Illi madanakollu t-tfal qatt ma naqashom xejn, ghaliex hi kienet tiehu hsieb kollox u tohodhom kull fejn ikollhom bzonn.

Fir-rigward il-hanut, l-attrici tispjega illi hi qatt ma kienet involuta f’xejn, u kien biss waqa il-medjazzjoni li saret taf li sid il-hanut kien fethalu kawza sabiex ikeccih mill-hanut ghaliex ma kienx qieghed ihallas kera.

***Dr Jessica Rita Galea in rapprezentanza tad-Dipartiment tac-Cittadinanza xehdet nhar it- 8 ta' Novembru 2022 (vide fol 176)*** spjegat illi skond ir-records tad-Dipartiment, l-intimat kiseb cittadinanza Maltija fid- 9 ta' Marzu 2018.

***Jessica Grioli in rapprezentanza ta' SG Cleaners xehdet nhar it- 8 ta'Novembru 2022 (vide fol 78 et seq)*** u spjegat illi l-attrici tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha bejn is- 7am u l-4:00pm fi skola fuq bazi full-time, bhala *cleaner*. Ix-xhud prezentat id-dokumentazzjoni relattiva ghall-introjtu percepiet mill-attrici kif ukoll il-kuntratt tax-xoghol taghha.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, u adulterju kommessi minnu kontra taghha, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet,***

> ***jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* **Andrea Avellino vs. Regina *Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe***

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

> ***allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

**Ikkonsidrat:**

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Dicembru 2010 gewwa Spanja, liema zwieg sussegwentement gie registrat ir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 6. Illi precedentement ghaz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewg ulied, YI li twieled nhar X u llum ghandu X u AF, li twieled nhar Y. Illi jirrizulta illi it-tieni wild, u cioe AF huwa indikat bhala iben missier mhux maghruf. Illi fit-testimonjanza taghha l-attrici tispjega ghalfejn il-minuri AF gie registrat b'dana il-mod.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Il-Qorti rat illi l-attrici indikat l-adulterju bhala r-ragunijiet li waslu ghat-tifrik taz-zwieg taghha minn mal-intimat. Din il-Qorti pero' rat illi mill-assjem tal-provi prodotti mill-attrici, l-attrici ma resqet l-ebda provi li effettivament u b'mod konkret jikkoraboraw li l-intimat huwa hati ta' adulterju. Illi din il-Qorti rat illi mit-testimonjanza tal-attrici jidher illi l-fatt li l-vettura tal-intimat zewgha kienet tinstab f'diversi lokalitajiet, mhiex prova sufficjenti li twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment li l-intimat huwa hati ta' adultejru.

Il-Qorti rat ukoll illi l-Kuraturi Deputati ma pproducew l-ebda provi jew sottomissjonijiet ulterjuri. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija essenzjalment kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici. Illi qieghed jigi nnutat ukoll illi l-attrici ma pproduciet l-ebda testimonjanza ta'familjari li setghu jikkoraboraw dak li xehdet hi.

Mix-xhieda tal-attrici jidher illi z-zwieg tal-partijiet kien zwieg karaterrizzat minn ghajjat eccessiv, u li kien zwieg fejn l-attrici kienet tbaxxi rasha ghal dak kollu li jrid u/jew jghid l-intimat, u dana sakemm l-attrici qamet fuq taghha u bdiet tiqaflu, izda, wara circa xahar mir-ritorn tal-intimat mill-Ingilterra, huwa telaq mid-dar matrimonjali biex imur jghix gewwa l-hanut li huwa kien qieghed jikri sakemm effettivament telaq ghal kollox mill-pajjiz. Din il-Qorti rat illi meta f'April jew Mejju tas-sena 2018, l-intimat effettivament abbanduna d-dar matrimonjali sabiex imur jghix fil-hanut tieghu, huwa qatt ma rega' mar lura fi tlett snin shah. Din il-Qorti rat illi mir-rapport esebiti, kien biss waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta'

medjazzjoni li l-intimat ghamel rapport fejn indika li huwa xtaq imur lura fid-dar matrimonjali izda l-attrici kienet irrifjutat dan.

Wara li rat il-provi kollha esebiti, din il-Qorti waslet ghal konvinciment illi l-verzjoni tal-attrici hija wahda verosimili. Jirrizulta illi l-intimat qatt ma kien bniedem wisq affidabbli, tant illi ghal bosta snin, bhala familja kellhom jistriehu fuq il-beneficcji socjali ghaliex l-intimat mhux talli ma ridx lill-attrici tohrog tahdem wara li kellha lill-minuri, izda talli lanqas hu ma kien jipprovdi ghall-familja tieghu stess, b’dana illi l-attrici kellha ddur fuq il-genituri taghha sabiex jghinuha b’mod finanzjarju. Illi l-ghajnuna offruta da parti tal-genituri tal-attrici lill-konjugi tirrizulta mir-rapport *a fol 85,* fejn *interalia* missier l-attrici jispjega illi kien ikkonceda illi peress li l-intimat kien qieghed jirriskontra diffikultajiet sabiex jirregistra l-istess fuq ismu kien irregistrata l-imsemmiha vettura fuq ismu.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi ghadda lill-martu u lil uliedu minn terturi shah meta l-minuri Ali gie *diagnosed* b’*learning disability* u cioe l-ADHD. Din il-Qorti rat illi mhux tali l-intimat naqas milli joffri s-support tieghu lil martu u lil ibnu, imma tali l-attrici kellha, sabiex tassigura ruhha li l-minuri jiehu t-tahrig u kura necessarja, kienet tiehdu ghas-sessjonijiet bil-mohbi ta’ zewgha. Illi di piu’, il-minuri Ali kien jilbes in-nuccali biss meta missieru ma kienx ikun id-dar. Fl-affidavit taghha l-attrici izzid ukoll illi l-intimat qatt ma attenda ghall-laqghat tal-iskola u wisq anqas ghal *parents day*.

Din il-Qorti rat illl-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-ulied dejjem hadet hsiebha hi, b’dana illi rrizulta b’mod ampju illi l-intimat mhux biss naqas bhala konjugu imma anke bhala missier versu uliedu.

Illi l- imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici huwa ferm deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta’ missier versu uliedu. Ghalhekk tenut kont ta’ dan kollu u tal-fatt illi intimat kien ihalli lill-attrici u l-familja taghhom nieqsa mill-flus, tafferma illi illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta’ martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-intimat a kawza ta' abbandun u minhabba sevizzi, u eccessi, kommessi mill-intimat kontra l-attrici, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Illi maghdud ma' dan u *in ogni caso* din il-Qorti wara li rat l-artikolu 40[3] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u hija l-fehma konsiderata taghha illi mill-assjem tal-provi, iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Fid-dawl tal-premess u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju jew l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

[3] Art. 40: Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlobil-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfaltiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbligħax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisserirrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkungħamlet it-talba għal dik ir-raġun.

***Dar Matrimonjali:***

Mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici jidher illi m'hemm l-ebda assi li jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti li ghadha *in vigore* bejn il-partijiet. Illi minkejja li l-attrici ma esebit l-ebda kuntratt, fit-testimonjanza taghha hija kkonfermata bil-gurament taghha illi d-dar matrimonjali fejn ilhom jabitaw bhala familja minn meta il-wild iz-zghir taghhom kellu sentejn, huwa appartament parafernali li hija kienet akkwistat qabel iz-zwieg. Illi qabel ma marru jirrisjedu f'din il-propjeta' huma kienu jirrisjedu l-ewwel f'*garage* li jappartjeni lill-missier l-attrici f'Marsascala u hekk kif kellha l-ewwel wild, huma flimkiem mal-intimat kienu ghamlu zmien jirrisjedu fir-residenza tal-genituri tal-attrici.

***Kontijiet Bankarji:***

Din il-Qorti tosserva illi ma ngabu l-ebda proi ghar-rigward. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis illi ghal kull buon fini, fl-eventwalita' li l-partijiet ghandhom kontijiet bankarji intestati f'isimhom, dawn ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li huma intestati fuqha.

Illi ulterjorment u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi *di piu,* din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu ghandha b'mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.

***Vettura:***

Illi fir-rigward il-vettura tal-ghamla Toyota Passo, bin-numru ta' registrazzjoni ACM 369, qieghda tigi assenjata lill-attrici, b'dana illi l-attrici ghandha tkun responsabbli ghall-kwalsiasi hlasijiet u/jew bilanc li ghadu pendenti fir-rigward tal-imsemmija karozza.

**Kura u Kustodja tal-minuri**

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ulied il-partijiet YI u AF li ghandhom erbatax u kwazi tlettax- il sena rispettivament u sabiex tigi awtorizzata tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-istess minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [4] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[5] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[6], il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si***

[4] Enfazi tal-Qorti.
[5] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[6] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.

> ***rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[7] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[8]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[9] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[10]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[11]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[12]

---

[7] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[10] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[11] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[12] Enfazi tal-Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[13] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attrici ppruvat b'mod manifest id-disinteress totali da parti tal-intimat versu z-zewg uliedu. L-inertia da parti tal-intimat sabiex jirrikonoxxi

[13] Enfazi tal-Qorti.

lill-iben iz-zghir bhala tieghu f'ghajnejn l-Istat u l-ligi, hija manifestazzjoni cara ta' dan id-disinteress. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni flimkien mar-ragunijiet gravi ohra fuq indikati, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, b'dana illi l-intimat missier ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur u dana fl-ahjar interess tal-minuri ulied il-partijiet.

**Manteniment ghall-minuri:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont ilbżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. IlQorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura***

> ***tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom."***

Il-Qorti taghraf illi l-inaffidabilita' tal-intimat wasslet lir-rikorrenti trabbi lill-ulied il-partijiet prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, illi mhux talli l-fatt illi r-rikorrenti riedet tiehu hsieb lill-uliedhom prattikament wahedha, dan jillimita l-kapacita' taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent, izda wkoll taghraf illi hija tat kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Il-Qorti rat illi *pendente lite*, u permezz ta' digriet datat 11 ta' Gunju 2021, din il-Qorti diversament preseduta ordnat lill-intimat jivversa s-somma ta'EUR 500 kull xahar ghaz-zewg ulied, liema manteniment jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar jekk l-intimat huwiex jahdem jew le fil-prezent, u fejn effettivament jinstab, pero' il-Qorti tfakkar li kif diga ritenut iktar qabel, l-obbligu tal-genitur li jmatni lill-uliedu huwa obbligu assolut li mhuwiex marbut ma' l-ebda impieg.[14] Illi din il-Qorti ma tqisx illi dak ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta ghandu jigi mibdul u ghalhekk tordna illi l-intimat ghandu jibqa' jivversa s-somma ta' EUR 500 lill-attrici kull xahar ghaz-zewg minuri, liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes medici, edukattivi u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi dana l-manteniment ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju u/jew beneficcju, u/jew pensjoni

[14] Vide Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja deciza mill-Prim Awla (Citazz 154/1994)

u/jew dhul iehor tal-konvenut u imhallas direttament lill-esponenti f' kont bankarju tal-ghazla tar-rikorrenti. Din il-Qorti tordna ukoll illi kwalsiasi beneficcju li l-attrici jew il-minuri jistghu talvolta jkunu eliggibli ghalihom, dawna ghandhom jigu percepiti interament mill-attrici.

Din il-Qorti rat illi effettivament l-intimat mhuwiex registrat bhala missier l-minuri Ali, u dana ghar-ragunijiet spjegati mill-attrici fit-testimonjanza taghha. Illi din il-Qorti rat illi mill-korrispondenza prezentata mill-attrici fil-provi, effettivament ma jirrizultax illi l-intimat qatt cahad illi l-minuri AF huwa ibnu. Illi madanakollu u fid-dawl tan-nota tal-attrici a Fol 193 ser tirriserva ghall-attrici d-dritt ta' azzjoni futura kontra l-intimat fir-rigward tal-manteniment tal-minuri AF, filwaqt li din il-Qorti sejra zzomm in vigore id-digriet moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta, tal-11 ta' Gunju 2021, li ukoll kienet a konoxxenza ta' dan il-fatt, din il-Qorti tissollecita lill-attrici sabiex tirregola l-pozizzjoni tal-minuri AF.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli**;

3. **Tilqa' it-tielet u r-raba talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod**;

    i. **Tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill- parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dana fi zmien xahar minn din is-sentenza.**

ii. **Tordna illi fl-eventwalita' li l-partijiet ghandhom kontijiet bankarji intestati f'isimhom, dawn ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li fuqha huma intestati.**

iii. **Tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu ghandha b'mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.**

iv. **Tordna illi l-vettura tal-ghamla Toyota Passo, bin-numru ta' registrazzjoni ACM 369, tigi assenjata lill-attrici, b'dana illi l-attrici ghandha tkun responsabbli ghall-kwalsiasi hlasijiet u/jew bilanc li ghadu pendenti fir-rigward tal-imsemmija karozza.**

4. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri YI u AF ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attrici omm, b'dana illi l-attrici hija awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha ordinarji u straordinarji relatati mas-sahha, mal-hrug, tigdid u gbir tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri, u dana minghajr il-kunsens, firma jew presenza tal-konvenut;**

5. **Tilqa' is-sitt talba u tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li talvolta jistghu jkunu dovuti jew ikunu eliggibli ghalihom l-attrici u/jew il-minuri ghandhom ikunu pagabbli esklussivament lill-attrici;**

6. **Tastjeni milli tipprovdi dwar is-sebgha talba in vista tad-decide numru 4;**

7. **Tilqa' it-tmien talba u tordna lill-intimat sabiex ai terminu tad-digriet pendente lite moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta datat 11 ta' Gunju 2021, jivversa s-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) lill-attrici kull xahar ghall-minuri YI, liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes medici, edukattivi u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi dana l-manteniment ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju u/jew beneficcju, u/jew pensjoni u/jew dhul iehor tal-konvenut u imhallas direttament lill-esponenti f' kont bankarju tal-ghazla tar-rikorrenti, b'riserva ghal dritt futur tal-attrici kontra l-intimat ghall-manteniment ta' binha minuri AF;**

8. **Tilqa' id-disa' talba limitatament u tordna illi l-manteniment ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja;**

9. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba - stante li din hija sorvolata in vista ta' dak deciz fis-seba' talba;**

10. **Tilqa' il-hdax – il tal-attrici u tawtorizza lill-istess tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'F';**

.

11. **Tilqa' it tnax il -talba tal-attrici u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**